Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10242—Melitta/Hubert Burda Media/Roast Market)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 164/05)

1. Fis-26 ta' April 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— MWBS Beteiligungs GmbH ("MWBS", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Melitta Unternehmensgruppe Bentz KG ("Melitta", il-Ġermanja),

— The Enabling Company GmbH ("TEC", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Burda GmbH ("Burda", il-Ġermanja), proprjetà ta' Hubert Burda Media Holding KG ("Hubert Burda Media", il-Ġermanja),

— Roast Market GmbH ("Roast Market", il-Ġermanja).

Melitta u Hubert Burda Media jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Roast Market kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Melitta: manifattura u provvista ta' kafè, tagħmir li jagħmel il-kafè u prodotti tad-dar,

— Hubert Burda Media: attiva fil-media, il-kummerċ elettroniku, l-istampar, il-kummerċjalizzazzjoni, il-bejgħ bl-imnut, l-ishma u l-forniment tas-servizzi,

— Roast Market: bejjiegħ bl-imnut online speċjalizzat tal-kafè.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10242— Melitta/Hubert Burda Media/Roast Market

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË